**Ruling mgħoti mill-iSpeaker Michael Frendo fis-Seduta 250 tal-5 ta' Lulju 2010, għar-rigward ta' Ksur ta' Privileġġ imressaq mill-Onor. Joe Mizzi kontra l-gazzetta "In-Nazzjon", kontra il-Gazzetta "Il-Mument" u kontra Net Television.**

Fis-seduta numru 221 tas-17 ta' Mejju 2010 l-Onorevoli Joe Mizzi ressaq ksur ta' privileġġ kontra l-gazzetta "In-Nazzjon", kontra l-Gazzetta "Il-Mument" u kontra Net Television fejn irrefera għall-Ordni Permanenti 161, u għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap 113 u speċifikatament għall-paragrafi (j) u (k) tas-subartikolu 4 tal-artikolu 11 li jitkellmu dwar x'jikkostitwixxi ksur ta' dan l-Att u li jgħidu hekk:

"(j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-iSpeaker jew lil xi Membru li tolqot xi ħaga magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha;

(k) il-pubblikazzjoni volontarja, jew bi traskuraġni, ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċediment tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha".

Huwa rrefera għall-gazzetta "In-Nazzjon" tal-Ħamis 13 ta' Mejju 2010 fil-paġna ta' quddiem bit-titolu "L-Oppożizzjoni titlef l-Irġulija", fejn hemm miktub hekk:

"Fis-seduta parlamentari tal-bieraħ filgħaxija, l-Oppożizzjoni Laburista, bi skop li tipprova tieħu vantaġġ politiku u fl-istess ħin tfixkel ix-xogħol tal-gvern, irtirat mill-ftehim li għamlet mal-gvern u li kien irreġistrat fil-Minuti". Dwar dan, l-Onorevoli Mizzi kkummenta li "l-uniku ftehim li rriżulta mill-Minuti tas-Seduta 215, huwa li l-votazzjoni kellha tittiehed f'seduta oħra."

Huwa lmenta wkoll li fl-istess gazzetta fir-rapport tagħha tkompli tgħid hekk:

"Dan wara li talbet li jittieħed vot dwar il-liġi tal-MEPA li skont dan il-ftehim, ma kellux jittieħed il-bieraħ, għax kienet taf li d-deputat Nazzjonalista Jeffrey Pullicino Orlanda ma kienx preżenti għax kien imsiefer fuq xogħol tal-gvern." Dwar dan l-Onorevoli Mizzi kkummenta li "fil-minuti ma kienx hemm li Jeffrey Pullicino Orlando kien imsiefer u allura ma konniex nafu. Jiġifieri din hija malafama ċara u tonda".

Huwa lmenta wkoll dwar kwotazzjoni oħra mill-istess gazzetta li qalet hekk:

"L-Oppożizzjoni rtirat mill-ftehim li kienet għamlet hi stess. L-Onor. Jeffrey Pullicino Orlando kien ingħata permess li jsiefer fuq xogħol proprju ghax l-Oppożizzjoni kienet tat il-kelma tagħha fuq dan il-ftehim". L-Onorevoli Mizzi sostna li l-Oppożizzjoni ma tat l-ebda kelma u fil-Minuti u "fil-laqgħat li kellna ma jirriżulta l-ebda ħaga milli qed jgħidu."

L-Onorevoli Mizzi għamel ukoll riferenza għal paġna 6 ta' l-istess gazzetta fejn intqal li "l-Onor Joe Mizzi qajjem point of order biex jghid li l-Oppożizzjoni kienet qed tirtira minn dak il-ftehim…" u wkoll li "Dan il-ftehim kien reġistrat fil-Minuti tal-Parlament li kienu kkonfermati mill-Gvern u l-Oppożizzjoni. Fil-fatt il-Minuti tas-Seduta tal-5 ta' Mejju 2010 jgħidu li waqt is-seduta li kienet ippreseduta mid-Deputy Speaker Carmelo Abela, hu informa lill-kumitat li skont ftehim milħuq, din il-votazzjoni kienet posposta għal seduta oħra. L-Onorevoli Mizzi indika li l-uniku ftehim li kien hemm kien li l-votazzjoni tiġi posposta u dak il-ftehim biss kien hemm u mhux id-diskors li ntqal fl-istess gazzetta.

Huwa kkwota wkoll dawn l-istess minuti meta lmenta minn dak li ntqal f'paġna 7 tal-istess gazzetta li "l-Oppożiżizzjoni, bil-permess tal-Whip tagħha l-Onor. Joe Mizzi kienet tat il-kelma tagħha li l-votazzjoni kellha tittieħed f'ġurnata skont meta jaqblu ż-żewg naħat tal-parlament." L-Onorevoli Joe Mizzi qal li fil-Minuti mhemmx dan li qed jingħad, li mhuwiex il-verità, u rrefera għal Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-5 ta' Mejju 2010 fejn huwa qal li jekk naslu għal vot dan jiġi pospost imma wkoll fl-istess ħin ġibed l-attenzjoni li hemm il-mozzjoni ta' proċedura. Fi kliem l-istess Onorevoli Mizzi "Jiġifieri jiena kont ċar u tond illi minkejja li jien għedt li tiġi posposta, minkejja li offrejt li tiġi għada, jiena għamiltha ċara li hemm il-mozzjoni ta' proċedura. Is-Sedja taf li l-mozzjoni ta' proċedura tgħid illi ma tistax teskadi sebat ijiem. Dan kien il-ftehim li kien hemm".

L-istess ilment dwar ksur ta' privileġġ tressaq ukoll mill-Onorevoli Mizzi fil-konfront ta' paragrafu li deher fil-Mument u ta' rappurtaġġ li sar kontra Net Television fl-aħbarijiet tat-7.45pm tal-Hamis, tal-Ġimgħa u tas-Sibt għax, fi kliem l-istess Onorevoli Mizzi "dak li ntqal f'dawn il-gazzetti ntqal ukoll fl-aħbarijiet" indikati.

Is-Sedja tikkonstata fl-ewwel lat li din it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' privileġġ *prima facie* tqajjem fil-ħin tal-Mozzjonijiet fis-Seduta tas-17 ta' Mejju 2010 b'riferenza għal rappurtaġġi tat-13, 14, 15 u 16 ta' Mejju 2010 u li kien konformi mal-Ordni Permanenti 36 li tgħid li "Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir ma' l-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku".

Fit-tieni lat, fuq il-fatti kif ġraw, is-Sedja rat it-*transcript* tal-Laqgħa 24 ta' l-Erbgħa 5 ta' Mejju 2010 fejn sar diskors li jirreferi għal ftehim bejn il-partijiet li l-vot li jintalab mill-Oppożizzjoni fuq l-abbozz ta' liġi jiġi pospost anki jekk f'mument minnhom fid-diskussjoni tal-Kumitat l-Onor. Joe Mizzi qal għar-rigward ta' dan l-istess vot dwar l-Ippjanar "Mhux bilfors għada imma jekk se nidħlu f'kontestazzjoni...Hemm il-mozzjoni ta' proċedura.. Għamel li trid jekk trid tagħmilha għada." Iżda wkoll f'dak l-istess Kumitat stqarr "Ħa nagħmilha ċara. Il-ftehim li nagħmlu hawn hekk bl-ebda mod ma jorbotni li jiena nesegwixxi kull Standing Order li hemm. Jiġifieri ħalli nagħmilha ċara bħalma għamilt qabel, mhijiex l-intenzjoni li ma nżommx il-ftehim, pero' jekk jien ngħid li l-iStanding Orders jgħidu hekk u se nimxi fuq l-iStanding Orders, is-Sedja ma tistax tgħidli li għax kien hemm il-ftehim, allura l-iStanding Orders ma jreġux....Dan ovvjament għax hemm il-mozzjoni ta' proċedura. Jiġifieri nagħmilha ċara li minkejja li niftehmu, mhemm xejn marbut".

Fl-istess Kumitat l-Onorevoli Tonio Borg ukoll stqarr li "U bl-istess mod, jien nirriżerva l-pożizzjoni tiegħi għar-rigward id-drittijiet li tagħtini l-mozzjoni ta' proċedura."

Is-Sedja rat ukoll it-*transcript* tas-seduta plenarja tat-12 ta' Mejju 2010 fejn l-Onorevoli Mizzi rrefera għall-votazzjoni fuq l-emenda "Ċ" għal klawzola 6 tal-Abbozz ta' Liġi dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Abbozz Nru 43 li kienet intalbet fis-seduta Nru 215 tal-5 ta' Mejju 2010 u li kienet posposta għal seduta oħra. Huwa sostna li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura din il-votazzjoni ma setgħetx issir aktar tard minn ġimgħa u allura mhux aktar tard minn dak in-nhar. F'dik is-seduta l-Onorevoli David Agius għamel riferenza għad-diskuzzjoni fl-istadju ta' Kumitat ta' dak l-Abbozz u qal li "dakinhar meta konna qegħdin nagħmlu dan il-kumitat ġie miftiehem bejn iz-zewġ naħat illi dik il-votazzjoni tittieħed f'seduta li tiġi miftiehma bejn iz-zewg naħat." Filwaqt li l-Onorevoli Joe Mizzi għamel riferenza għal minuti ta' dik is-seduta li jagħmlu riferenza għal "seduta oħra" u għad-dibattitu tal-House Business Committee "fejn hemm ċar u tond li r-regolamenti jgħoddu", l-Onorevoli David Agius, bi tweġiba għal mistoqsija tas-Sedja fejn kien sar il-ftehim, wieġeb hekk: "Mr Speaker, dan il-

ftehim sar bejni u bejn il-Whip tal-Oppożizzjoni". Mistoqsi jekk kienx hemm ftehim magħmul hekk kif deskritt mill-Onorevoli Agius, l-Onorevoli Mizzi wieġeb lis-Sedja billi għamel riferenza għat-*transcript*tal-House Business Committee, liema *transcript* is-Sedja diġà spjegat estensivament f'dan ir-Ruling.

F'dan il-kuntest, is-Sedja trid tara jekk ir-rappurtaġġ tal-ġurnali u tat-televizjoni indikati kienx jaqa' fl-isfera leġittima ta' espressjoni ħielsa u libertà tal-istampa jew jekk, *ai termini* ta' l-Ordinijiet Permanenti tal-Kamra u tal-Ordinanza fuq indikata, kienx hemm l-elementi neċessarji li jikkonstitwixxu *prima facie* ksur ta' privileġġ kif mitlub mill-Onorevoli Mizzi.

Għar-rigward tar-Ruling tagħha stess fis-Seduta tat-12 ta' Mejju 2010 fejn is-Sedja laqgħet it-talba tal-Onorevoli Joe Mizzi li l-votazzjoni fuq il-klawzola fuq indikata kellha ssir dakinhar fl-interruzzjoni tax-xogħol, u allura li ma setgħetx issir aktar tard minn ġimgħa minn mindu saret it-talba oriġinali, huwa ċar li dak ir-Ruling ma jistax jintuża biex jiġi interpretat dak li ntqal fil-Kumitat tax-Xogħol li ltaqa' fis-27 ta' April 2010 jew għall-minuti tas-seduta ppreseduta mid-Deputat Speaker u allura meta dan l-istess Ruling kien għadu ma ngħatax. Il-kliem li ntqal qabel ir-Ruling imsemmi tas-Sedja ma jistax jiġi mifhum fis-sens tar-Ruling li nghata sussegwentement. *Inoltre* wieħed jikkonstata li għar-rigward tal-kliem użat f'dak il-Kumitat kull ftehim li seta' sar ġie kompromess mid-dikjarazzjonijiet taż-żewġ naħat li l-ebda ftehim ma jorbot għax hemm l-iStanding Orders kif ukoll il-Mozzjoni ta' Proċedura. U wieħed irid jikkonstata wkoll li fis-seduta plenarja tat-12 ta' Mejju 2010 saret ukoll allegazzjoni ta' ftehim li sar barra l-istess Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra.

Fid-dawl ta' dan kollu, is-Sedja hija tal-fehma li l-kummenti li għalihom għamel riferenza l-Onorevoli Membru huma jew ġenerici fis-sens li jagħmlu riferenza għall-Oppożizzjoni u mhux għal membru innifsu, jew fejn huma speċifiċi, fl-isfond tal-ambigwità jekk kienx hemm ftehim *o meno* - liema ambigwita' hija wkoll kaġun tal-fatt li r-Ruling tat-12 ta' Mejju 2010 ma kienx għadu ngħata - jidħlu fl-isfera tal-espressjoni ħielsa u interpretazzjoni ġurnalistika li kull persuna fl-qasam pubblika huwa soġġett għaliha anki għar-rigward ta' dak li jiġri fil-Kamra tad-Deputati. Ta' min jinnota li billi l-libertà ta espressjoni hija fundament tad-demokrazija tagħna, is-Sedja trid tkun kawta ħafna qabel tiddeċiedi li kumment ikun jikkostitwixxi *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Dan iżda ħlief għal paragrafu wieħed li kien ippubblikat fin-Nazzjon tat-13 ta' Mejju 2010 li jgħid hekk:

"Madankollu lbieraħ Joe Mizzi qajjem point of order biex jgħid li l-Oppożizzjoni kienet qed tirtira minn dak il-ftehim u li kienet qed tistenna li l-vot jittieħed il-bieraħ stess".

Billi sar komuni li fir-rappurtaġġ tal-ġurnali fatt u kumment jitħalltu flimkien, kontra t-teknika ta' ġurnalizmu aktar mirqum, wieħed anki f'dan il-każ seta' f'ċirkostanzi oħrajn jasal biex jittrattah bħala *de minimis*. Madankollu, f'din il-kwistjoni dan huwa l-pern tal-materja li qed jittratta r-Ruling u allura s-Sedja tħoss li dan il-paragrafu huwa inkorrett għaliex jindika li l-Onorevoli Mizzi esterna kliem li bih qal li qed jirtira minn ftehim, ħaġa li, kif wieħed jista' jikkonstata mit-*transcript* tas-seduta rilevanti, huwa m'għamilx.

Is-Sedja għalhekk tagħmel riferenza għall-paragrafu (k) tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 11 li fir-rigward ta' x'jikkostitwixxi ksur ta' dan l-Att jgħid hekk:

“il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta’ xi rapport falz jew mgħawweġ ta’ xi dibattitu jew proċediment tal-Kamra jew ta’ xi Kumitat tagħha”.

Is-Sedja tagħmel riferenza wkoll għal dak li jikkostitwixxi ksur *prima facie* ta’ privileġġ u in partikolari l-kliem tal-istess Ordinanza li jgħid hekk:

”L-espressjoni *prima facie* tfisser li lment li jkun sar ikun jallega ksur ta’ xi regola stabbilita b’din l-Ordinanza jew fl-iStanding Orders tal-Kamra tad-Deputati jew ta’ xi riżoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati dwar attijiet imsemmija fis-subartikolu (4) ta’ dan l-artikolu, u ma għandha f’ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta’ ħtija jew ta’ innoċenza.”

Ghaldaqstant is-Sedja tiddikjara li hemm ksur *prima facie* ta’ privileġġ tal-Onorevoli Joe Mizzi limitatament għal paragrafu indikat minnha f’dan ir-Ruling u qed tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat tal-Privileggi, imwaqqaf skond l-artikolu 7 ta’ l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kapitolu 113 tal-Liġijjiet ta’ Malta filwaqt li, fl-aħjar interess kemm tar-relazzjonijiet mal-istampa u x-xandir kif ukoll, fl-istess miżura, tal-korrettezza tar-rappurtaġġ, tawgura li tinstab soluzzjoni bonarja anki f’dak l-istadju.